**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 76**
**It-Tnejn, 16 ta' Jannar, 2023 fl-4:00 p.m.**

**VULNERABLE ADULT PROTECTION**

**4201. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx time frame għal meta ser jitressaq il-Vulnerable Adult Protection fil-Parlament, peress li ilu jingħad minn Frar tas-sena 2021 li jinsab fi stadju avvanzat?

21/11/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din l-Abbozz huwa ampju u tekniku, u għalhekk kien hemm bżonn żmien adegwat biex mhux biss jitħejja, imma wkoll isiru pre-konsultazzjonijiet ma' stakeholders kemm f'Malta kif ukoll barra minn xtutna, u proċess rigoruż ta' ċertifikazzjoni flimkien mal-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat.

Dan l-Abbozz huwa marbut ukoll mal-Abbozz dwar l-Awtonomija Personali, illi jimplimenta l-Artiklu 12 tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità fil-liġi Maltija, u huwa meħtieġ sabiex l-operat tal-eventwali Att dwar il-Protezzjoni ta' Adulti f'Sitwazzjonijiet ta' Vulnerabilità jkun konformi ma' din il-Konvenzjoni.

Fl-istess ħin, dan l-eventwali Att sejjer *in oltre* jorbot ma' protezzjonijiet transkonfinali, permezz tar-ratifika minn Malta tal-Konvenzjoni tal-Aja tas-sena 2000 dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti. Din il-Konvenzjoni ġiet iffirmata minn Malta fil-11 ta' Novembru ta' din is-sena, bir-ratifika ppjanata ghall-2023.
Fl-istess waqt, bi pjaċir navża lil din il-Kamra illi, ukoll bħala parti mit-twettiq tal-proposta numru 676 tal-Manifest Elettorali tal-Gvern, iż-żewġ Abbozzi illi semmejt sejrin jinħarġu għal konsultazzjoni pubblika aċċessibbli fl-ewwel nofs tas-sena 2023, wara d-debita approvazzjoni tal-Kabinett tal-Ministri, sabiex imbagħad jitpoġġew quddiem din il-Kamra għal dibattitu dwarhom u l-eventwali adozzjoni tagħhom.

Seduta 76
16/01/2023

**IMPLIMENTAZZJONI TAL-UNITED NATIONS CONVENTION FOR THE RIGHTS OF PERSONS WITH DISABILITY ACT**

**4202. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid x'qiegħed isir biex jiġi implimentat l-United Nations Convention for the Rights of Persons with Disability Act?

21/11/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fir-rigward tal-istrutturi msemmija fl-Att, ittieħdu l-passi u ġew adotatti l-Avviżi Legali meħtieġa sabiex jitwaqqfu dawn l-istrutturi, kif rikjest mill-Att, u ċjoè:
· Direttorat għall-Affarijiet dwar id-Diżabilità (art. 5(1)) – dan id-Direttorat diġà jopera taħt ir-responsabilità tas-Segretarju Permanenti fi ħdan dan il-Ministeru, u f'Ottubru nħarġet sejħa sabiex jinħatar l-ewwel Direttur;
· Struttura nazzjonali ta' Koordinazzjoni għall-Konvenzjoni UNCRPD (art. 5(3)) – din l-istruttura ngħatat bażi legali permezz tar-Regolamenti tal-2022 dwar struttura nazzjonali ta' Koordinazzjoni għall-Konvenzjoni UNCRPD (L.S. 627.01);
· ENGAGE (art. 6) – din l-istruttura ngħatat bażi legali permezz tar-Regolamenti tal-2022 dwar l-ENGAGE (L.S. 627.02).

Seduta 76
16/01/2023

**AĠENZIJA SAPPORT – KAŻIJIET PENDENTI**

**4203. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm hu n-numru ta' każijiet pendenti f'kull servizz li jingħata mill-Aġenzija Sapport?

21/11/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor Interpellant li s-servizzi fi ħdan Aġenzija Sapport fid-data tat-tweġiba għandhom din il-lista ta' stennija, kif ġej:

| Servizz | Lista ta' Stennija Nov 2022 |
|---|---|
| Sharing Lives | 94 |
| Empowerment Scheme | 0 |
| Vehicle Registration Exemption Scheme | 0 |
| Vehicle Road Licence Exemption Scheme | 0 |
| Blue Badge | 105 |
| Independent Community Living Monitoring Service (ICLM) incl. :<br>§ Direct Payment<br>§ Independent Community Living<br>§ Personal Assistance Fund | 111 |
| Servizzi fil-Komunità | 41 |
| Servizzi ta' Matul il-Jum | 150 |
| Sonia Tanti Independent Living Centre (STILC) | 140 |
| Servizz ta' Ħidma Soċjali | 111 |
| Servizzi Residenzjali | 81 |
| ACTU | 207 |
| Way to Work | 6 |
| Interpretazzjoni tal-Lingwa tas-Sinjali | 0 |
| | |

***N.B. dawn in-numri huma importanti li ma jingħaddux flimkien f'total wieħed minħabba l-possibilità li persuna tapplika għal aktar minn servizz wieħed u għalhekk tista' tkun imniżżla f'aktar minn lista ta' stennija waħda.***

Seduta 76
16/01/2023

**SERVIZZI FIS-CDAU – WAITING LIST**

**4204. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm waiting list ta' persuni biex jirċievu xi servizz fiċ-Child Development Assessment Unit (CDAU), sal-ġurnata li tiġi mwieġba din id-domanda?

21/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi għas-servizzi ta' Speech andLanguagePathology u tal-Medical Reviews fis-CDAU ma hemmx lista ta' stennija. Għas-servizz ta' Fizjoterapja l-istennija hija ta' inqas minn ġimagħtejn. Filwaqt illi t-tfal li għandhom bżonn Psychological report u li ser jibdew l-iskola fi Frar ta' din is-sena kollha ghandhom appuntament.

Seduta 76
16/01/2023

**PSYCHOLOGICAL REPORT LILL-ĠENITURI**

**4205. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid xi kemm idum biex jingħata l-Psychological Report lill-ġenituri biex dawn jaraw jekk uliedhom hux se jkollhom għajnuna ta' LSE jew jekk hux se jkun LSE shared jew one to one? Jista' jgħid jekk huwiex konxju minn dan id-dewmien esaġerat u jekk iva, x'qed isir?

21/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija Parlamentari 4204.

Seduta 76
16/01/2023

**CDAU - TRASFERIMENT**

**4206. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hemmx time frame ta' meta ser jiġi trasferit iċ-Child Development Assessment Unit (CDAU)?

21/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE: :** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi pjanijiet sabiex is-CDAU jimxi għal post ieħor għadhom fi stadju ta' diskussjoni.

Seduta 76
16/01/2023

**E-SCOOTERS – PARKEĠĠ**

**4617. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Fid-dawl tad-dikjarazzjoni li saret mill-Ministru li l-e-scooters se jkunu obbligati li jipparkjaw f'postijiet apposta, jista' l-Ministru jgħid jekk dawn il-postijiet allokati għall-parkeġġ hux ser ikunu qed jittieħdu mill-parkeġġi għall-karozzi?

29/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qegħdin jitqiesu diversi tipi ta' parkeġġi fosthom anke dawk li bihom ma jittieħed l-ebda parkeġġ minn tal-karozzi u li sabiex dawn jiġu attwati hemm bżonn tibdil fil-liġi, liema tibdil qed naħdmu fuqu bħalissa.

Seduta 76
16/01/2023

**E-SCOOTERS – LAQGĦA BEJN TRANSPORT MALTA U REĠJUN LVANT**

**4618. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta Transport Malta se tiltaqa' mar-Reġjun il-Lvant meta dawn talbu li jiltaqgħu ma' Transport Malta biex jiddiskutu l-problemi serji ta' e-scooters?

29/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tali laqgħa bejn l-ogħla uffiċjali tal-Awtorità tat-Trasport u diriġenti tal-Kunsill Reġjonali Lvant, fosthom il-President is-Sur Tony Chircop, saret nhar il-25 ta' Ottubru 2022.

Seduta 76
16/01/2023

**PEMBROKE/BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ – PJANIJIET GĦALL-WHITE ROCKS**

**4619. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3865, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid x'inhuma l-pjanijiet għal dak li kien jissejjaħ 'White Rocks' ġewwa Pembroke/Baħar iċ-Ċagħaq?

29/11/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 76
16/01/2023

**MINA MIS-SWIEQI/PEMBROKE GĦAL PACEVILLE**

**4620. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3866, jista' l-Ministru jgħid fiex wasal l-istudju msemmi minnu f'din it-tweġiba? Jista' jgħid jekk hux informat li biex l-i¿vilupp mill-kumpanija, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, iseħħ, l-Awtorità tal-Ippjanar għamlet din il-mina bħala kundizzjoni?

29/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA**: Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 76
16/01/2023

**BAĠIT 2023 – LINE ITEM 7163 – TNAQQIS**

**4621. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għal-line item 7163 fil-Baġit 2023, jista' l-Ministru jgħid x'wassal għal tnaqqis fil-baġit għall-Upgrading of Manoel Theatre, li minn €400,000 (2022) niżel għal €100,000, jiġifieri tnaqqis ta' €300,000?

29/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-estimi tal-Baġit jinbidlu minn sena għal oħra skont in-nefqiet u l-esiġenzi attwali mhux biss tal-entità iżda wkoll tal-Ministeru.

Intant, nassigura lill-Onor. Interpellant li l-upgrading tat-Teatru Manoel se jkompli ssir matul din is-sena.

Seduta 76
16/01/2023

**BAĠIT 2023 – LINE ITEM 7020 – TNAQQIS**

**4622. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għal-line item 7020, Concert Hall, fil-Baġit 2023, jista' l-Ministru jgħid x'wassal biex minn €500,000 (2022) niżel għal €50,000?

29/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-estimi tal-Budget jinbidlu minn sena għal oħra skont in-nefqiet u l-esiġenzi attwali mhux biss tal-entità iżda wkoll tal-Ministeru.

Intant, nassigura lill-Onor. Interpellant li l-ippjanar previst fuq il-Concert Hall ser ikompli jsir matul din is-sena.

Seduta 76
16/01/2023

**IN-NADUR – TRIQ L-IMĠARR – CRASH BARRIERS**

**4766. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2183 fejn kien ġie mwieġeb "li x-xogħol fuq il-crash barriers qiegħed jitkompla u mistenni jkun lest fil-ġimgħat li ġejjin" jista' l-Ministru jgħid għala għaddew iktar minn xahrejn u għadu ma tlestiex? Jista jgħid ukoll għala f'dawn l-aħħar ġimgħat ma tkompliex ix-xogħol fuq il-crash barriers f'din l-imsemmija triq?

05/12/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa għaddejjin ix-xogħlijiet skont il-pjanijiet.

Seduta 76
16/01/2023

**IX-XEWKIJA – TRIQ ĦAMET, TRIQ IR-RABAT U TRIQ TA' XĦAJMA – RESURFACING TA' TRINEK**

**4767. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid meta hu maħsub li ser isir resurfacing tat-trinek kollha tal-Junction tat-Triq ta Ħamet fix-Xewkija, ta' Triq ir-Rabat u Triq Ta' Xħajma fin-Nadur, u dan wara li saru trinek f'din it-triq diversi xhur ilu u sal-lum għadhom bil-wiċċ tal-konkos? Ma taħsibx li triq arterjali li jkollha parti minnha bil-konkos hija ta' periklu serju għas-sewwieqa?

05/12/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li x-xogħlijiet fl-imsemmija toroq għadhom għaddejjin skont kif skedat.

Seduta 76
16/01/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – TĦAWWIL TA' SIĠAR U ARBUXELLI**

**4784. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm u fejn tħawlu siġar u arbuxelli mill-Ministeru għal Għawdex mill-elezzjoni sal-lum? Jista' jgħid ukoll kemm kienet l-ispiża biex tħawlu u minn min sar ix-xogħol?

06/12/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-perjodu mitlub tħawlu mal-mitejn u għoxrin siġra u arbuxell. Ix-xogħol sar mill-ħaddiema tad-Direttorat għall-Affarijiet Rurali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Is-siġar u arbuxelli mħawla huma kollha pjanti mkabbra fil-mixtla tal-Ministeru fid-Dawwara ta' Kerċem.

Seduta 76
16/01/2023

**KAROZZI TAL-ELETTRIKU - CHARGERS**

**4785. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm chargers għall-karozzi tal-elettriku f'Malta li huma b'xejn, fejn min jużahom ma jħallasx, u fejn jinsabu? Tista' tgħid kemm hemm minn dawn l-istess chargers f'Għawdex, fejn min jużahom ma jħallasx, u fejn jinsabu?

06/12/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hawn tliet 'Solar Battery Charging Carports' li jikkonsistu f'żewġ charging pillars, b'żewġ charging points il-wieħed. Dan jammonta għal total ta' 12-il punt ta' ċċarġjar b'xejn, flimkien ma' sistema ta' ġenerazzjoni u ħażna ta' enerġija rinnovabbli.

Dawn is-'Solar Battery Charging Carports' li jistgħu jintużaw mingħajr ħlas jinsabu f'Ta' Xbiex, il-Marsa u ċ-Ċirkewwa.

Seduta 76
16/01/2023

**AWTORITÀ TAD-DJAR – EMENDI ĠODDA TAL-KERA**

**4797. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: B'effett minn meta daħlu fis-seħħ l-emendi ġodda tal-kera sal-lum, jista' l-Ministru jgħid kemm huma l-każijiet li fihom l-Awtorità qed tħallas parti mill-kirjiet ta' akkomodazzjonijiet mikrija mingħand il-privat u liema kirjiet kienu daħlu fis-seħħ qabel l-1995? Jista' jgħid s'issa kemm hu l-ammont totali li l-Awtorità tad-Djar qed tħallas fis-sena jew hija tenuta tħallas fis-sena għal dawn il-kirjiet? Jista' jgħid kemm minn dawn il-kirjiet huma f'Malta u kemm minnhom huma f'Għawdex?

06/12/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor Interpellant illi l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 76
16/01/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - UFFIĊJALI**

**4798. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3713 kollha kemm hi (intera) u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista sħiħa tal-uffiċjali kollha minn Manager, Manager I u Manager II 'il fuq (sa DG) fil-Ministeru għal Għawdex, bid-dettalji tar-responsabiltajiet tagħhom u l-pakkett sħiħ ta' kull uffiċjal u kemm ilhom (inkluż snin u xhur) f'din il-kariga?

06/12/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba li ngħatat fil-mistoqsija parlamentari 3713 fejn hemm il-lista sħiħa bl-iskali. Il-lista tal-managers se tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 76
16/01/2023

**ĊITTADINI TA' PAJJIŻI TERZI – VISA TAX-XOGĦOL**

**4955. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ċittadini ta' pajjiżi terzi ngħataw visa tax-xogħol bejn l-2013 u l-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

30/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 76
16/01/2023

**EVALWAZZJONI TAL-ĦILIET GĦALL-IMMIGRANTI MINN PAJJIŻI TERZI**

**4956. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kif qed tiġi determinata l-evalwazzjoni tal-ħiliet għall-immigranti minn pajjiżi terzi, u x'qed isir biex jiġi żgurat li dawn l-individwi jkunu qed jaħdmu bl-iskills set li għandhom?

30/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li hija r-responsabilità ta' kull employer li jara li l-ħaddiema kollha tiegħu – kemm Maltin u kemm barranin – ikunu qed jagħmlu xogħol li huma kwalifikati u/jew imħarrġa għalih.

Għaldaqstant Jobsplus tesiġi li għal kull ħaddiem barrani li employer jimpjega, irid jiffirma dikjarazzjoni fejn jgħid li l-ħaddiem hu kompetenti biex jagħmel ix-xogħol indikat fil-Permess tax-Xogħol u li hu jikkonferma dan fuq bażi ta':

· Ċertifikati Akkademiċi
· Ittri ta’ Riferenzi provduti jew
· B’kommunikazzjoni diretta mal-impjegat prospettiv.

L-employer jiddikjara wkoll li hu qed jassumi responsabilità ta’ din id-dikjarazzjoni u lest li jissostanzja dan kollu meta jkun mitlub jagħmel hekk.

Seduta 76
16/01/2023

**ĊITTADINI TA’ PAJJIŻI TERZI – VISAS TAX-XOGĦOL**

**4957. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk jinħarġux visas tax-xogħol għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ibbażati fuq il-ħiliet li għandhom dawn l-immigranti?

30/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 76
16/01/2023

**ĦRUĠ TA’ VISA TAX-XOGĦOL LIL ĊITTADINI TA’ PAJJIŻ TERZI**

**4958. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-ħruġ ta' visa tax-xogħol lil ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunx ibbażat fuq il-ħiliet tagħhom? Jista’ jagħti l-lista ta’ ħiliet meħtieġa li jeżistu?

30/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 76
16/01/2023

**ĊITTADINI TA’ PAJJIŻI TERZI – TAĦRIĠ OBBLIGATORJU F’SETTURI**

**4959. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk ċittadini ta' pajjiżi terzi humiex meħtieġa li jagħmlu taħriġ obbligatorju f'setturi li jkunu għażlu li jaħdmu fihom? Għal kemm sar training?

30/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li fil-każijiet fejn ċittadini ta’ pajjizi terzi jinġiebu hawn Malta biex jaħdmu, l-employer jiddikjara li dawn huma kompetenti biex jagħmlu x-xogħol indikat fuq il-permess. Hija r-responsabilità tal-employer li jara li jekk aktar tard l-impjegati tiegħu jinħtieġu xi taħriġ, dan jiġi mogħti lilhom.

Seduta 76
16/01/2023

**ĊITTADINI TA' PAJJIŻI TERZI REĠISTRATI**

**4960. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn ċittadini ta' pajjiżi terzi reġistrati biex jaħdmu f'Malta u f'Għawdex illum?

30/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li skont l-formoli tal-bidu tal-impjieg, sal-aħħar ta' Awwissu 2022 kien hawn 52,664 ċittadini ta' pajjizi terzi reġistrati jaħdmu f'Malta u f'Għawdex fuq bazi ta' full-time u part-time only. L-aħħar ċifri ppublikati huma ta' Awwissu 2022.

Seduta 76
16/01/2023

**SIĠĠIEWI – XOGĦOL TA' RESTAWR TAZ-ZUNTIER TAL-KNISJA PARROKKJALI**

**5022. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 4168, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u li issa ġiet riferuta lilha, u tgħid meta se jibda x-xogħol ta' riġenerazzjoni u restawr taz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali tas-Siġġiewi li tħabbar f'Ġunju tas-sena l-oħra?

03/01/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 76
16/01/2023

**SIĠĠIEWI – XOGĦOL TA' RESTAWR TAZ-ZUNTIER TAL-KNISJA PARROKKJALI – ALLOKAZZJONI TA' FONDI**

**5023. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 4169, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u li issa ġiet riferuta lilha, u tgħid kemm hemm fondi allokati għall-proġett ta' riġenerazzjoni u restawr taz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali tas-Siġġiewi?

03/01/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari 5022.

Seduta 76
16/01/2023

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL – REMOTE WORKING**

**5024. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk ħaddiema mal-Ministeru kkonċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, jistgħux ikomplu jaħdmu permezz ta' remote working?

03/01/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-PQ 4826.

Seduta 76
16/01/2023

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL – TELEWORKING**

**5025. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk ħaddiema mal-Ministeru kkonċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, jistgħux ikomplu jaħdmu permezz ta' teleworking?

03/01/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-PQ 4826.

Seduta 76
16/01/2023

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – REMOTE WORKING**

**5026. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk ħaddiema mal-Ministeru kkonċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, jistgħux ikomplu jaħdmu permezz ta' remote working?

03/01/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi wara kull terminu ta' kull kuntratt, l-arranġamenti għar-remote working u teleworking jiġu reveduti skont il-ħtieġa fuq il-bażi li jkun hemm bilanċ bejn id-dmirijiet u l-ħtiġijiet tal-uffiċjali, kif ukoll li jintlaħqu l-obbligi tad-Dipartimenti u s-servizz li jrid jingħata.

Seduta 76
16/01/2023

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – TELEWORKING**

**5027. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk ħaddiema mal-Ministeru kkonċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, jistgħux ikomplu jaħdmu permezz ta' teleworking?

03/01/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5026.

Seduta 76
16/01/2023

**LESA – SKEMA PROĠETTI FIL-KOMUNITÀ – IT-TIELET SEJĦA**

**5059. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar min applika għat-tielet sejħa tal-iskema ta' fondi bit-titlu 'Proġetti fil-Komunità' maħruġa mil-LESA? Liema kienu l-proġetti li ntgħażlu u kemm kien il-valur ta' kull proġett? Liema kienu l-applikazzjonijiet, jekk kien il-każ, li ma ġewx ikkunsidrati u x'kienet ir-raġuni għal dan? Meta kienet id-data tal-għeluq?

06/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li dawk li applikaw għal din is-sejħa kienu l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsilli Lokali ta' Attard, Balzan, Dingli, Għargħur, Għaxaq, Luqa, Kunsill Reġjonali Lvant, Kunsill Reġjonali Nofsinhar, Kunsill Reġjonali Punent, Marsa, Mdina, Mosta, Mtarfa, Munxar, Nadur, Naxxar, Pembroke, San Ġiljan, San Lawrenz, Sliema, Sta.Venera, Swieqi, Ta' Xbiex u Valletta. Infurmat ukoll li kull applikazzjoni kienet kunsidrata u d-data tal-għeluq tat-tielet sejħa kienet l-4 ta' Novembru 2022.

Proġetti Magħżula u Valur

| | | |
|---|---|---|
| Assocjazzjoni Kunsilli Lokali | Dokumenti + Spiża inkorporata mal-proġetti + Managament | € 100,000.00 |
| Attard L.C. | Għamara għal Librerija pubblika | € 25,000.00 |
| Dingli L.C. | Open space and resting area | € 64,000.00 |
| Għaxaq L.C. | Pavimentar ta'sqaqien | € 57,069.64 |
| Luqa L.C. | Restawr fuq il-Kappella ta Santa Marija tal-Ftajjar | € 24,478.68 |
| Kunsill Reġjonali Lvant | Vettura elettrika li tintuża bħala Librerija mobbli | € 80,000.00 |

| | | |
|---|---|---|
| Kunsill Reġjonali Nofsinhar | Van elettriku 7 seater | € 45,831.20 |
| Kunsill Reġjonali Punent | Proviżjoni u installazzjoni ta' Kameras għal monitoraġġ u infurzar | € 80,000.00 |
| Marsa L.C. | Dog Park | € 80,000.00 |
| Mosta L.C. | Dawl fuq u taħt il-pont tal-Mosta | € 80,000.00 |
| Mtarfa L.C. | Rikostruzzjoni u r-rijabilitazzjoni taż-żona tal-belvedere fi Pjazza San Oswald | € 80,000.00 |
| Munxar L.C. | Investiment fi tliet monumenti artistiċi | € 8,000.00 |
| Nadur L.C. | Construction of a public Convenience | € 80,000.00 |
| Naxxar L.C. | Installazzjoni ta' tmienja u għoxrin fanal | € 52,394.96 |
| Pembroke L.C. | Installazzjoni ta' sistema ta CCTV | € 7,920.00 |
| San Lawrenz L.C. | Electric Van | € 64,000.00 |
| Sliema L.C. | A water-based sculpture | € 64,752.16 |
| Swieqi L.C. | Vettura li tintużgħa bħala trasport lill-anzjani | € 36,800.00 |
| Ta'Xbiex L.C. | Xiri u installazzjoni ta Automated Bollards | € 50,124.00 |
| Valletta L.C. | Installation of Security Cameras | € 45,000.00 |

Seduta 76
16/01/2023

**LESA – SKEMA PROĠETTI FIL-KOMUNITÀ – GĦOTI TA' FONDI**

**5060. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kif jintgħażlu l-proġetti li jingħataw il-fondi permezz tal-iskema ta' fondi bit-titlu 'Proġetti fil-Komunità' maħruġa mil-LESA f'Jannar 2021? Kemm hu l-valur ta' fondi li ġew allokati s'issa permezz ta' din l-iskema? Kemm hu l-valur ta' fondi li baqa' disponibbli biex jiġu allokati permezz ta' din l-iskema?

06/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-Aġenzija Lesa għamlet ftehim mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, sabiex tipprovdi 3 miljun ewro fuq tliet snin. L-aġenzija tiftaħ l-applikazzjonijiet b'data ta' għeluq, u jiġu kkunsidrati dawk l-applikazzjonijiet kollha li jiġu sottomessi sad-data stabbilita. Kull kunsill lokali / kunsill reġjonali jista' jirbaħ fondi darba biss matul it-tliet sejħiet programmati (l-ewwel, it-tieni, u t-tielet sejħa).
It-total ta' fond allokat oriġinarjament kien ta' 3 miljuni, imqassam fuq 3 sejħiet/snin). Dan il-fond żdied għal €3.4 miljun. Il-fondi ġew allokati kollha. Sabiex jiġu evalwati l-applikazzjonijiet, jiġi mwaqqaf bord, b'rappreżentanza tal-Agenzija, tal-AKL, u persuni esterni. Xogħol il-bord huwa li jara li l-applikazzjonijet sottomessi jilħqu l-miri stabbilita fil-linji gwida tal-applikazzjonjiet u li jilħqu 5 temi prinċipali:

1. Ambjent Aħjar fil-Lokalitajiet: Din il-kategorija ta' proġetti tirrifletti l-importanza li kull ċittadin għandu jgawdi minn ambjent iktar nadif u aħjar minn dak eżistenti. Proġetti f'din il-kategorija jinkludu fost oħrajn:
• Separazzjoni u/jew immaniġġar aħjar ta' skart, inkluż il-kunċett ta' re-use
• Provvediment ta' "Bring-in sites" kumplimentati b'kameras tas-sigurtà sabiex jitnaqqas l-abbuż
• Żvilupp ta' żoni pedonali
• Żvilupp ta' spazji miftuħa u rikreattivi (Play Streets)
• Proġetti ta Aċċessibiltà
• Dog parks / Cat Cafees
• Green Roofs / Walls
• Enerġija Alternattiva
2. Trasport Alternattiv u Iktar Nadif
Proġetti f'din il-kategorija huma mmirati sabiex jinkoraġġixxu lill-komunità tnaqqas l-użu ta' vetturi privati u li mhux favur l-ambjent. Proġetti jistgħu jinkludu fost oħrajn:
• Trasport nadif lill-anzjani u dawk fil-bżonn
• Proġetti li jżidu l-użu ta' vetturi tal-elettriku
• Proġetti ta' trasport alternattiv
• Disinjar u implimentazzjoni ta' cycle lanes
3. Infrastruttura Moderna
L-Immaniġjar tat-traffiku vejikulari jista' jkun aħjar permezz ta' studji li jitrattaw iċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku fil-qalba tal-lokalitajiet. F'din il-katergorija, jistgħu jitressqu proġetti, fost oħrajn, li jinkludu:

• Studju u implimentazzjoni ta’ ċirkulazzjoni aħjar tat-traffiku
• Teknoloġija ta’ Smart Parking
• Żviluppar ta’ Parkeġġi Pubbliċi
• Proġetti għall-parkeġġ aħjar
• Użu ta' teknoloġija biex ikollna bliet u rħula aktar ‘smart’

4. Lokalitajiet Aktar Siguri

Filwaqt li kull Kunsill Lokali / Kumitat Reġjonali għandu jirrispetta l-privatezza ta’ kull cittadin, Kunsill jista’ jwettaq proġetti sabiex iżid is-sigurtà fil-lokalità rispettiva tiegħu, anke b’kollaborazzjoni ma’ partijiet oħra bħall-Community Police u l-Community Officers. Proġetti f’din il-kategorija jistgħu jinkludu fost oħrajn:

• Użu ta’ apparat modern u sistemi ta’ sorveljazzjoni sabiex tinaqqas il-kriminalità u l-vandaliżmu
• Introduzzjoni u miljorament ta’ miżuri ta’ sigurtà relatati mat-traffiku.

5. Wirt Lokali

Il-Kunsilli Lokali jilagħbu pedina importanti f’dak li għandu x’jaqsam mal-istorja u l-wirt lokali. Din il-kategorija toffri opportunità lill-Kunsilli Lokali għal xogħolijiet relatati bħal:

• Restawr ta’ Binjiet Storiċi
• Restawr ta’ Monumenti
• Restawr ta’ strutturi oħra

Seduta 76
16/01/2023

**LESA – DĦUL MIĊ-ĊITAZZJONIJIET**

**5061. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista’ l-Ministru jgħid kemm kien id-dħul tal-LESA miċ-ċitazzjonijiet, sena b’sena, bejn l-2019 u l-2022? Kemm minn dawn il-flus ingħataw lura direttament lill-kunsilli lokali u lill-kumitati reġjonali għal kull kunsill lokali/kumitat reġjonali għas-snin 2019, 2020, 2021 u 2022 separatament? Kemm minn dawn il-flus ingħataw lura permezz ta’ skemi lill-kunsilli lokali u lill-kumitati reġjonali għal kull kunsill lokali/kumitat reġjonali għas-snin 2019, 2020, 2021 u 2022 separatament?

06/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI**: Infurmat illi l-Aġenzija LESA għandha r-responsabilità li tiġbor il-ħlas tat-taħrikiet maħruġa minn diversi entitajiet f’pajjiżna. Wara l-Aġenzija jeħtieġ li tagħmel tajjeb mhux biss għall-operat tagħha, kemm f’salarji u kundizzjonijiet tal-ħaddiema, kirjiet, apparat, vetturi, prosekuzzjoni quddiem it-Tribunal, u spejjeż ohra, iżda wkoll diversi ħlasijiet lill-Kunsilli Lokali, Kunsilli Reġjonali, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u t-Tribunali Lokali. Ma' dawn ukoll jiżdiedu ħlasijiet lill-Kunsilli Lokali, Kunsilli Reġjonali u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ta’ ftit aktar minn miljun Ewro fis-sena, u dan skont ftehim li ġie ffirmat bejn l-istess Aġenzija LESA u l-AKL. Infurmat li fl-2019 it-total kien ta’ €8,941,138.04, filwaqt li ħlasijiet lill-Kunsilli Lokali kien ta’ €275,517.86, lill-Kunsilli Reġjonali ta’ €9,055.12, spejjeż tar-Reġjuni ta’ €577,629.91, €161,030.47 ħlas lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, filwaqt li €1,000,000 ingħataw lura lill-Kunsilli u Reġjuni permezz ta’ skemi. Infurmat li fl-2020 it-total kien ta’ €9,140,661.38, filwaqt li ħlasijiet lill-Kunsilli Lokali kien ta’ €221,410.67, lill-Kunsilli Reġjonali ta’ €6,854.44, spejjeż tar-Reġjuni ta’ €452,060.99, €179,863.03 ħlas lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, filwaqt li €1,150,000 ingħataw lura lill-Kunsilli u Reġjuni permezz ta’ skemi. Infurmat li fl-2021 it-total kien ta’ €13,809,407.06, filwaqt li ħlasijiet lill-Kunsilli Lokali kien ta’ €341,097.58, lill-Kunsilli Reġjonali ta’ €11,584.77, spejjeż tar-Reġjuni ta’ €224,582.28, €270,565.83 ħlas lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, filwaqt li €1,418,000 ingħataw lura lill-Kunsilli u Reġjuni permezz ta’ skemi. Infurmat li fl-2022 it-total kien ta’ €13,482,015.99, filwaqt li ħlasijiet lill-Kunsilli Lokali kien ta’ €285,813.95, lill-Kunsilli Reġjonali ta’ € 8,836.11, spejjeż tar-Reġjuni ta’ €252,878.97, €277,330.14 ħlas lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, filwaqt li €1,275,000 ingħataw lura lill-Kunsilli u Reġjuni permezz ta’ skemi. Dan ma jinkludix spejjeż oħra marbuta man-natura tax-xogħol.

Seduta 76
16/01/2023

**WIED IL-GĦAJN – GĦASSA TAL-PULIZIJA – NUQQAS TA' MEMBRI TAL-KORP**

**5072. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jara u jassigura li jkun hemm iktar membri tal-Korp tal-Pulizija fl-Għassa ta' Wied il-Għajn, billi hemm iktar bżonn fil-lokalità li qiegħda tkompli tikber sew?

06/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi t-tqassim tal-membri tal-Korp isir skont l-esiġenzi tal-Korp u n-neċessitajiet oħra li jkun hemm bżonn fl-aħjar interessi tal-istess tal-pubbliku u s-soċjetà, dan jinkludi wkoll il-bżonnijiet tal-Pulizija li jirrigwardaw il-lokalità ta' Wied il-Għajn, liema lokalità hi koperta wkoll mill-Pulizija tal-Komunità kif ukoll mir-ronda regolari tal-RIU barra minn uffiċjali stazzjonati fl-għassa.

Seduta 76
16/01/2023

**KUNSILLI LOKALI TAT-TIELET DISTRETT: LAQGĦAT ANNWALI**

**5073. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid liema huma dawk il-Kunsilli Lokali tat-Tielet Distrett li matul dawn l-aħħar tliet snin organizzaw regolarment il-Laqgħa Annwali tagħhom sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jwasslu l-ħsibijiet tagħhom?

09/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li l-lokalitajiet kollha tat-tielet distrett elettorali, u ċjoè ż-Żejtun, Ħal Għaxaq, Marsaskala u Marsaxlokk, kollha kemm huma kellhom il-Laqgħa Annwali matul is-sena 2020, 2021 u 2022, darbtejn fis-sena.

Intant infurmat mill-Kunsilli Lokali rispettivi illi matul il-perjodu tal-pandemija tali laqgħat kienu jsiru b'mod virtwali.

Seduta 76
16/01/2023

**MARSASKALA - TRIQ IL-QALIET - TRAFFIC CALMING MEASURES U TABELLI DWAR SPEED LIMITS**

**5074. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux se jsiru xi tip ta' traffic calming measures u tabelli fejn ikun hemm indikat il-veloċità tal-karozzi fi Triq il-Qaliet, Marsaskala, minħabba n-numru ta' inċidenti li jsiru f'din it-triq? Jekk le, min hu responsabbli li dan ix-xogħol isir kemm jista' jkun malajr?

09/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA**: Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għar-risposta tal-Mistoqsijiet Parlamentari 3578 u 3579.

Seduta 76
16/01/2023

**PERSUNI LI JBATU MILL-OBEŻITÀ**

**5075. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm persuni li daħlu l-isptar minħabba problemi tal-obeżità mis-sena 2020 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija u kemm kien hemm persuni li mietu kawża tal-obeżità f'dan il-perjodu msemmi?

09/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi mis-sena 2020 sa Ottubru 2022 iddaħħlu 51 persuna, fejn d-dijanjosi prinċipali kienet l-obeżità. Matul is-sena 2020 (l-aħħar sena dwar il-mortalità disponibbli bħalissa) kien hemm 11-il mewt irrappurtati li kienu minħabba l-obeżità.

Seduta 76
16/01/2023

**VIŻTI MIT-TOBBA TAL-FAMILJA LILL-PAZJENTI B'NUQQAS TA' SAĦĦA MENTALI**

**5076. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm viżti minn tobba tal-familja mħarrġa għand pazjenti bi problema ta' saħħa mentali fid-dar tagħhom is-sena l-oħra u sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

09/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellantli taħt dawn is-servizzi meta pazjenti bi problemi ta' saħħa mentali jkollhom bżonn viżti ġewwa d-djar tagħhom, dawn il-viżti ma jsirux minn tobba tal-familja, imma minn speċjalisti psikjatriċi. Is-sena l-oħra saru 216-il vista.

Seduta 76
16/01/2023

**STUDENTI LI ĠEW ABBUŻATI / BULLIED**

**5077. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti li ġew bullied mis-sena 2020 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija u jekk dawn l-abbużi ġewx ikkontrollati?

09/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kull każ li ġie riferut lid-Direttorati konċerati ġew mogħtija l-attenzjoni neċessarja permezz ta' interventi skont in-natura tal-każ jew allegazzjoni.

Seduta 76
16/01/2023

**IŻ-ŻEJTUN - MISRAĦ TA' PIZZUTA - TRIQ**

**5078. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta ser issir it-triq li tiġi f'Misraħ Ta' Pizzuta fiż-Żejtun?

09/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA**: Ninforma lill-Onor. Interpellant li Misraħ Ta' Pizzuta fiż-Żejtun qiegħed fil-pjan ta' xogħlijiet li proposti għal perjodu ta' bejn 2023 u 2025. Madanakollu d-diskussjonijiet mal-Kunsilli Lokali għadhom ma ġewx konklużi u għalhekk il-prijorità tal-proġetti għadha qed tiġi diskussa.

Seduta 76
16/01/2023

**TAS-SLIEMA - SQAQ XATT QUI-SI-SANA**

**5089. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk Sqaq Qui-si-Sana, (jew Sqaq Xatt Qui-si-Sana), f'Tas-Sliema huwiex sqaq pubbliku jew privat?

09/01/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sabiex issir tfittxija daqshekk preċiża fuq sit speċifiku, ikun aħjar li jingħataw aktar dettalji rigwardanti l-istess proprjetà, bħal 'site plan' li tindika bi preċizjoni is-sit inkwistjoni.

Seduta 76
16/01/2023

**ASYLUM SEEKERS - SPECIFIC RESIDENCE AUTHORISATION SCHEME**

**5090. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Dwar l-Iskema Specific Residence Authorisation (SRA) li kienet tirregolarizza l-pożizzjoni ta' asylum seekers, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx data ta' meta din se terġa' tinfetaħ, u dan sabiex diversi asylum seekers ġenwini, li ilhom snin jgħixu Malta u li llum il-ġurnata integraw ruħhom b'mod effettiv fis-soċjetà Maltija, jirregolarizzaw l-istatus tagħhom?

09/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-iskema ta' Specific Residence Authorisation għalqet fil-31 ta' Diċembru 2020 u l-benefiċjarji tagħha jistgħu jibqgħu jġeddu l-permess ta' residenza tagħhom skont il-kriterji stabbiliti. Din kienet skema ta' darba u ma hemmx pjan li terġa' tinfetaħ. Persuni li ma jikkwalifikawx għall-ażil huma suġġett għal ritorn u għaldaqstant huma mħeġġa li jibbenefikaw minn wieħed mill-pakketti ta' għajnuna tal-programm ta' ritorn volontarju assistit provdut mill-Gvern u l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Immigrazzjoni.

Seduta 76
16/01/2023

**SERVIZZ ĊIVILI - ĦADDIEMA**

**5097. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3778, jista' l-Prim Ministru jaqsam l-imsemmija ammonti f'numri reali rispettivi għall-impjegati fis-settur pubbliku li huma ħaddiema ma' dipartimenti u/jew Ministeri u jgħid kemm minnhom huma impjegati ma' awtoritajiet?

10/01/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat kif ġej:

| Sena | Awtoritajiet etc | Dipartimenti | Total |
|---|---|---|---|
| 2017 | 12,711 | 33,943 | 46,654 |
| 2018 | 13,369 | 34,318 | 47,687 |
| 2019 | 14,114 | 34,659 | 48,773 |
| 2020 | 15,561 | 35,222 | 50,783 |
| 2021 | 15,965 | 35,521 | 51,486 |
| 2022 | 16,161 | 34,971 | 51,132 |

Seduta 76
16/01/2023

**SERVIZZ ĊIVILI - ĦADDIEMA**

**5098. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3778, jista' l-Prim Ministru jaqsam l-imsemmija ammonti f'numri reali rispettivi għall-impjegati fis-settur pubbliku u dak privat u jgħid kemm minnhom, f'termini reali, huma ħaddiema ta' nazzjonalita Maltija u kemm le?

10/01/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 76
16/01/2023

**VISITMALTA - FTEHIM MA' MANCHESTER UNITED FC**

**5099. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4149, jista' l-Ministru jipprovdi lista tal-ismijiet ta' dawk li ħadu dawn il-biljetti tal-Manchester United, flimkien mas-sezzjoni li fiha ġew ikkategorizzati bħala eleġibbli kif intqal fl-istess risposta, u ċjoè jekk humiex: ġurnalisti, influencers, prize-winners, aġenti tal-ivjaġġar, operaturi turistiċi u organizzaturi ta' konferenzi barranin?

10/01/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tul dawn l-aħħar tliet snin tal-ftehim, il-biljetti ntużaw minn rappreżentanti ta' operaturi turistiċi barranin, prinċipalment mir-Renju Unit.
Minbarra hekk, għadd ta' biljetti ntużaw ukoll f'inizjattivi ma' stazzjonijiet tar-radjuIngliżi sabiex jittellgħu bħala premju għall-kompetizzjonijiet marbuta mal-gżejjer Maltin.
L-informazzjoni mitluba hija kummerċjalment sensittiva u għaldaqstant ma tistax tingħata. Madanakollu, l-Onor. Interpellant, jekk iħoss il-ħtieġa, jingħata l-opportunità li jara hu personalment l-informazzjoni mitluba.

Seduta 76
16/01/2023

**GWARDJANI LOKALI**

**5100. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk għandux il-ħsieb illi l-Gwardjani Lokali jiġu jaqgħu kollha taħt entità pubblika?

10/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li dak li qed jistaqsi l-Onor. Interpellant ilu li sar mis-sena 2018, meta wara li ġiet stabbilita l-Aġenzija Lesa u l-ħaddiema tal-kuntrattur, li huma msejħa uffiċjali tal-komunità, ġew trasferiti mal-Aġenzija.

Seduta 76
16/01/2023

**GWARDJANI LOKALI - PAGI**

**5101. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk għandux il-ħsieb illi jtejjeb il-kundizzjonijiet u l-pagi tal-Gwardjani Lokali?

10/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Il-ħaddiema tal-Aġenzija LESA diġà qed igawdu minn kundizzjonijiet aħjar għaliex proprju ġie ffirmat ftehim kollettiv ġdid f'Lulju li għadda.

Seduta 76
16/01/2023

**RENUMBERING TAD-DJAR**

**5102. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid meta se jitkompla r-renumbering tad-djar kollha f'Santa Venera li beda fl-2001? Jista' jgħid minn dak iż-żmien 'l hawn liema toroq tlestew, liema toroq baqa' jsiru u x'inhi r-raġuni ta' dan id-dewmien kollu?

10/01/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nistieden lill-Onor. Interpellant jindirizza din il-Mistoqsija Parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 76
16/01/2023

**UNIVERSITÀ TA' MALTA – STUDENTI LI KOMPLEW BIL-KORS TA' MASTERS**

**5112. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4180, jista' l-Ministru jagħti n-numru eżatt ta' kemm hemm studenti li qed jagħmlu kors ta' Masters eżatt wara li temmew b'suċċess il-kors ta' baċellerat u qed jirċievu stipendju għal dan?

10/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li filwaqt li nirreferih għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 4180, nirriferih ukoll għall-artikolu 13(ċ) tal-Leġiżlazzjoni (SL.605.06) li jgħid, "biex student ikun eliġibbli għal-għotjiet ta' manteniment f'kors ta' wara l-ewwel grad, il-kors għandu jkun iwassal għal warrant biex tiġi pprattikata professjoni, sakemm li l-istudent mhux diġà rċieva l-għoti ta' manteniment tal-istudenti fuq l-istess livell".

Seduta 76
16/01/2023

**ĊENS TEMPORANJU LIL KUMPANIJA**

**5113. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għal ċens temporanju tal-Gvern Malti għall-art fejn fuqha ġiet stabbilita l-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, datat 3 ta' Ġunju 1963, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt pubbliku?

10/01/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill Onor. Interpellant li kopja tal-kuntratt tista' tinkiseb mir-Reġistru Pubbliku.

Seduta 76
16/01/2023

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU - ADVISORS FUQ KUNTRATTI/DIRECT ORDERS**

**5124. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4644, jista' l-Ministru jagħti l-informazzjoni kollha mitluba u jgħid min ħa kull kuntratt?

10/01/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni mitluba hija s-segwenti:

| Entità | Numru ta' Advisors | Valur |
|---|---|---|
| FTZD | 1 | €40,518 |
| FTZD | 1 | €18,140 |

| | | |
|---|---|---|
| MFC | 1 | €52,080 |
| MFC | 1 | €10,038 |
| MFC | 1 | €3,332 |
| MFC | 1 | €33,600 |
| MTA | 1 | €20,000 |

Seduta 76
16/01/2023

**CONSTANT GLUCOSE MONITORS**

**5125. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4852, jista' l-Ministru jgħid għalfejn is-servizz ġie estiż biss għal dawk li għandhom 22 u 23 sena? Meta se jkompli r-rollout għal dawk ta' 24 sena u akbar?

10/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi r-rollout ser ikompli fiż-żmien li ġej.

Seduta 76
16/01/2023

**MINI TA' GĦAJN DWIELI - XOGĦLIJIET**

**5135. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1022 fejn il-Ministru semma x-xogħlijiet li kellhom isiru fil-Mina ta' Għajn Dwieli, jista' l-Ministru jgħid meta se jitkomplew dawn ix-xogħlijiet u meta jaħseb li se jkun finalizzat dan ix-xogħol fuq id-daħla ewlenija għall-Kottonera ?

11/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA**: Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 76
16/01/2023

**BORMLA – TRIQ SANTA TEREŻA – SLEEPING POLICEMAN**

**5136. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jara li jitwaħħlu lura biċċiet miż-żewġ sleeping policeman li nqalgħu bil-maltemp ġimgħat ilu fi Triq Santa Tereża, Bormla?

11/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA**: Ninforma lill-Onor. Interpellant li se jsir kuntatt mal-entitajiet responsabbli.

Seduta 76
16/01/2023

**BORMLA – TRIQ WIĠI ROSATO - XOGĦLIJIET**

**5137. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1025, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm xi żviluppi dwar ix-xogħol fuq Triq Wiġi Rosato, Bormla?

11/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA**: Ninforma lill-Onor. Interpellant li Misraħ Ta' Pizzuta fiż-Żejtun qiegħed fil-pjan ta' xogħlijiet li proposti għal perjodu ta' bejn 2023 u 2025. Madanakollu d-diskussjonijiet mal-Kunsilli Lokali għadhom ma ġewx konklużi u għalhekk il-prijortà tal-proġetti għadha qed tiġi diskussa.

Seduta 76
16/01/2023

**KOTTONERA – RESERVED PARKING GĦAR-RESIDENTI**

**5138. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1564 fejn jien staqsejt li jkun ikkonsidrat li jsir reserved parking għar-residenti tal-Kottonera, jista' l-Ministru jgħid kienx hemm żviluppi dwar din il-problema li qed tolqot lir-residenti tal-Kottonera?

11/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA**: Ninforma lill-Onor. Interpellant li Misraħ Ta' Pizzuta fiż-Żejtun qiegħed fil-pjan ta' xogħlijiet li proposti għal perjodu ta' bejn 2023 u 2025. Madanakollu d-diskussjonijiet mal-Kunsilli Lokali għadhom ma ġewx konklużi u għalhekk il-prijortà tal-proġetti għadha qed tiġi diskussa.

Seduta 76
16/01/2023

**BORMLA – TENDER GĦALL-MULTI LEVEL CAR PARK**

**5139. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1278 dwar il-pjan li kien hemm sabiex jinbena multi-level car park fiż-Żona ta' Santa Margerita, Bormla u jgħid jekk kienx hemm żviluppi konkreti?

11/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA**: Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 76
16/01/2023

**DISTRETT NRU. 2 – XOGĦLIJIET FIT-TORORQ**

**5140. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid liema huma dawk it-toroq fil-lokalitajiet tat-Tieni Distrett li se jsirilhom wiċċ ġdid?

11/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA**: Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta għaddejja b'taħdidiet mal-Kunsilli Lokali kollha biex isir pjan ta' toroq residenzjali li se jkunu qed isiru f'kull lokalità, inkluż fit-Tieni Distrett, matul is-snin li ġejjin. Dawn id-diskussjonijiet għadhom ma ġewx konklużi.

Seduta 76
16/01/2023

**APPLIKAZZJONIJIET GĦAL COMMUNAL RESERVED PARKING BAYS**

**5156. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm applikazzjonijiet pendenti għal Communal Reserved Parking Bays għal Blue Badge Holders? Kemm hi l-medja ta' żmien ta' stennija sabiex applikant ikun infurmat jekk l-applikazzjoni kinitx aċċettata jew le? F'każ li l-applikazzjoni tkun aċċettata, kemm idum dan il-proċess sabiex dan il-parkeġġ ikun jista' jinżebagħ fit-triq?

12/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA**: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proċess għall-applikazzjoni ta' Communal Reserved Parking Bay qed ikun limitat biss għal talbiet li jsiru mill-Kunsilli Lokali u dan peress li l-Awtorità qed tikkommissjona studju flimkien mas-CRPD u l-Aġenzija Sapport, sabiex tkun tista' taġġorna l-policy tagħha.

L-Awtorità qed tirċievi bosta applikazzjonijiet għall-Personalised Reserved Parking bays.

Bħalissa hemm 17-il applikazzjoni pendenti.

Seduta 76
16/01/2023

**APPLIKAZZJONIJIET GĦAL PERSONALISED RESERVED PARKING BAYS**

**5157. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm applikazzjonijiet pendenti għal Personalised Reserved Parking Bays għal Blue Badge Holders? Kemm hi l-medja ta' żmien ta' stennija sabiex applikant ikun infurmat jekk l-applikazzjoni kinitx aċċettata jew le? F'każ li l-applikazzjoni tkun aċċettata, kemm idum dan il-proċess sabiex dan il-parkeġġ ikun jista' jinżebagħ fit-triq?

12/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA**: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proċess sabiex issir applikazzjoni għall-parkeġġ personalizzat riservat għall persuni b'diżabilita' huwa wieħed intensiv u għalhekk se nispjega:

L-applikazzjoni trid timtela mill-applikant u tasal għand l-Awtorità għat-Trasport mimlija bid-dettalji kollha meħtieġa.

L-Awtorità ta' Transport tibgħat aknowledgement lill-applikant li rċeviet l-applikazzjoni u tinforma lill-Kunsill Lokali rispettiv.

L-Awtorità ta' Transport tevalwa u tagħmel spezzjoni sabiex tara li l-informazzjoni fuq l-applikazzjoni hija korretta.

Jekk waqt l-ispezzjoni l-Awtorità ta' Transport ssib xi irregolarità fl-applikazzjoni l-proċess jieqaf.

Jekk l-informazzjoni tkun korretta l-Awtorità ta' Transport tinforma lill-applikant li l-applikazzjoni se tintbagħat lill-Aġenzija Sapport sabiex tagħmel ir-rakkomandazzjoni tagħha.

Jekk l-aġenzija Sapport ma tirrakkomandax li l-applikant huwa eliġibbli għall-parkeġġ personalizzat riservat it-talba tkun tifjutata.

Jekk l-Aġenzija Sapport tirrakkomanda sabiex l-applikant ikun eliġibbli għall-parkeġġ personalizzat riservat, l-Awtorità ta' Transport tipproċedi sabiex flimkien ma l-applikant jinbeda l-proċess biex isiru l-arranġamenti meħtieġa biex isir ix-xogħol meħtieġ.

Il-proċess mhux dejjem jieħu l-istess tul ta' żmien peress li l-proċess huwa wieħed delikat u jinvolvi konsultazzjonijiet kif indikat aktar il-fuq.

L-Awtorità ta' Transport tirċievi madwar 200 applikazzjoni fix-xahar u dan jitfa piz kbir fuq l-amministrazzjoni kemm tal-Awtorità ta' Transport kif ukoll fuq l-Aġenzija Sapport.

Bħalissa bejn dokumenti li qegħdin għand l-Awtorità ta' Transport kif ukoll dokumenti li qegħdin għand l-Aġenzija Sapport qed ikun ipproċessati mal-500 applikazzjoni.

Seduta 76

16/01/2023

**XEMXIJA HERITAGE TRAIL – PROĠETTI U INVESTIMENT**

**5158. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5053 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4686 dwar proġetti u investiment fix-Xemxija Heritage Trail, jista' l-Ministru jgħid x'kien l-investiment li sar speċifikament fix-Xemxija Heritage Trail (li l-aċċess tagħha huwa minn Triq Raddet ir-Roti) u mhux f'siti oħra bħalma ssemma f'din it-tweġiba? Jista' jgħid liema hi dik l-NGO li hemm referenza għaliha fl-istess tweġiba? X'assistenza qed tingħata mill-Kunsill Lokali u x'qed jitwettaq mill-istess NGO?

12/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar illi fil-post indikat mill-Onor. Interpellanta qed isir maintenance bl-istess mod li sar għal snin sħaħ, bid-differenza li x-xogħlijiet qed isiru mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Seduta 76
16/01/2023

**ĦAL TARXIEN - BENEFIĊĊJARJI TA' PENSJONIJIET**

**5161. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4470 u jgħid kemm persuni residenti Ħal Tarxien qed jibbenefikaw minn xi forma ta' pensjoni u jistax jindika s-sess tal-istess?

12/01/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kien hemm 1,892 persuna li bbenefikaw minn pensjoni tas-sigurtà soċjali mil-lokalità msemmija minnu. Minnhom kien hemm 1,019-il raġel filwaqt li kien hemm 873 mara.

Seduta 76
16/01/2023

**BIRGU – BINI LI KIEN OKKUPAT MILL-CASINO DI VENEZIA**

**5162. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 2281 u 4464, jista' l-Ministru jgħid jekk ġiex deċiż x'se jsir mill-Casino di Venezia u l-lukanda biswit sabiex jinbdew il-proċeduri neċessarji biex jitħaddmu?

12/01/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant jirreferi għall-mistoqsija parlamentari 4464 li ngħatat fit 12 ta' Diċembru 2022.

Seduta 76
16/01/2023

**MINISTRU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – LAQGĦAT IN KONNESSJONI MAX-XOGĦOL MINISTERJALI**

**5163. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba attenda laqgħat barra minn pajjiżna in konnessjoni max-xogħol Ministerjali tul is-sena li għaddiet? Jista' jgħid ukoll min akkumpanjah u kemm kienu l-ispejjeż relattivi tal-vjaġġ u l-akkomodazzjoni?

12/01/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-delegazzjonijiet li assistew lill-Ministru kienu dawk skont il-bżonnijiet ta' xogħol konness mas-safar.

Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ispiża totali fuq il vjaġġi kienet ta' €27,884 (€1,990 minnhom tħallsu mil-Presidenza ta' Praga) waqt li dawk tal-akkomodazzjoni kienu ta' €6,974.

Seduta 76
16/01/2023

**MINISTRU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - LAQGĦAT IN KONNESSJONI MAX-XOGĦOL MINISTERJALI**

**5164. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm il-darba attenda laqgħat barra minn pajjiżna in konnessjoni max-xogħol Ministerjali tul is-sena li għaddiet? Jista' jgħid ukoll min akkumpanjah u kemm kienu l-ispejjeż relattivi tal-vjaġġ u l-akkomodazzjoni?

12/01/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni li qed tiġi mitluba tinsab fit-tabella, hawn taħt:

| **Destination / Departure** | **Officers** | **€** |
|---|---|---|
| | | |
| Canada / 5th June | Ministru għall-Ekonomija, Fondi Ewropej u l-Artijiet u s-Segretarju Permanenti | 15,547.87 |
| Czech Republic / 19th July | Ministru għall-Ekonomija, Fondi Ewropej u l-Artijiet,<br>Uffiċjal tal-komunikazzjoni u Uffiċjal mis-Segretarjat tal-Ministeru | 4,738.23 |
| Romania / 24th September | Ministru għall-Ekonomija, Fondi Ewropej u l-Artijiet,<br>Kap Segretarjat u Uffiċjal tal-komunikazzjoni | 3,368.64 |
| Belgium / 28th September | Ministru għall-Ekonomija, Fondi Ewropej u l-Artijiet u s-Segretarju Permanenti | 2,360.44 |
| UK / 17th November | Ministru għall-Ekonomija, Fondi Ewropej u l-Artijiet u s-Segretarju Permanenti u Kap Segretarjat | 5,188.88 |
| Belgium / 30th November | Ministru għall-Ekonomija, Fondi Ewropej u l-Artijiet u s-Segretarju Permanenti | 3,242.78 |
| Belgium / 5th December | Ministru għall-Ekonomija, Fondi Ewropej u l-Artijiet u s-Segretarju Permanenti u Kap Segretarjat | 3,359.46 |

Seduta 76
16/01/2023

**RAĦAL ĠDID – PJAZZA ANTOINE DE PAULE - XOGĦLIJIET**

**5165. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 1390, 1657, 2056, 2928, 4461 u 5066 jista' l-Ministru jgħid meta se jibda jsir ix-xogħol neċessarju fi Pjazza Antoine de Paule Raħal Ġdid? Jista' jgħid jekk hux possibbli li sal-aħħar tal-leġiżlatura preżenti dan ikun konkluż?

12/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 4461.

Seduta 76
16/01/2023